**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 203/17 AGV**

AB f'isimiha proprio u bhala kuratrici "ad litem" tal-minuri eb u dan permezz ta' digriet datat 6 ta' Frar, 2018

Vs

CD u Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti u l-intimat B kellhom relazzjoni minn liema twieldet il-minuri EB li llum ghandha disa' snin.

2. Illi t-tifla minuri twieldet fl-24 ta' Awissu, 2008.

3. Illi ghalkemm l-intimat CD huwa l-missier naturali tal-minuri c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri jaqra "father unknown" meta jiddeskrivi isem u kunjom il-missier naturali.

4. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Mackenzie Abela li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 2964/2008.

Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

(i) Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri EB, hija l-wild naturali ta' CD;

(ii) Konsegwentement tordna lid-Direttur tat-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat imsemmi li huwa iskritt bin-numru 2964/2008 fil-kolonna fejn hemm indika "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" li fil-present jindika "unknown father" jigu inseriti isem u kunjom l-intimat CD, il-konnotati tal-istess, professjoni u sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-intimat B u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' CD li eccepixxa illi:-

1.Preliminarjament, din il-kawza hija intempestiva billi l-esponent qatt ma gie interpellat ufficjalment sabiex jirrikonoxxi lill-minuri EB bhala bintu naturali.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kienet l-istess rikorrenti li arbitrarjament waslet tiehu d-decizjoni li l-minuri tigi registrata bhala “unknown father.”

3. Illi n-nuqqas ta’ korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri in kwantu jaqra “unknown father” huwa konsegwenzjali ghal vjolenza, theddid u vendikazzjonijiet kommessi mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponent.

4.Illi kemm il-darba l-Qorti takkolji t-talba tar-rikorrenti ghat-testijiet xjentifici necessarji dawn ghandhom isiru a spejjes tar-rikorrenti.

5.Illi t-tieni talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk l-ezitu ta’ din it-talba hija marbuta mad-decizjoni li se taghti dina l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba.

6.Illi finalment, dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandhux jigi ssoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi:-

1.Illi preliminarjament l-esponenti tecepixxi illi din l-azzjoni ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali sabiex tinterpella lill-konvenut sabiex ikun jista' jaghraf lil bintu u dan ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2.Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

3. Illi stante l-premess, l-esponenti tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali EB.

4.Illi fil-kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut CD sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tisspecifika senjatament: (1) in-numru tal-karta' ta' identita' tieghu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieldet EB, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieldet EB, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet EB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri EB;

5.Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri EB, u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6.Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew

nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

7.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdha tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-rapport tad-DNA tests ta' Dr. Marisa Cassar.

**FATTI**

1.L-attrici kienet fethet kawza ta' paternita', izda mbaghad kellha twaqqafha peress li l-intimat kien qalilha li kien ser jirranga biex it-tifla minuri ddur fuq ismu. L-attrici tghid li dak iz-zmien ma kellhiex flus biex tiftah kawza.

2. Il-partijiet kienu damu flimkien ghal tmien xhur shah bejn Frar, 2007 sal-14 ta' Novembru, 2018 u kien f'dan iz-zmien li kienet harget tqila bit-tifla minuri.

3. L-attrici tispjega illi l-konvenut kien riedha tmur ghand it-tabib biex igib xi medicina biex titlef it-tarbija izda tghid li kienet irrifjutat. Tghid li mid-DNA tests li kienu saru fl-Isptar Capua rrizulta li l-konvenut huwa missier il-minuri EB u tikkonferma li tul dan il-perjodu kellhom relazzjonijiet intimi ma' xulxin.

4.Il-konvenut jikkonferma li hu kien prezenti meta ghamlu t-testijiet tad-DNA lit-tifla minuri li f'dak iz-zmien kellha xahrejn. Jikkonferma ukoll illi huwa l-missier naturali taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**ECCEZZJONI PRELIMINARI**

Il-konvenut kif ukoll id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepew in-nullita' tal-kawza, stante li l-konvenut ma pprezentax ittra ufficjali kontra l-attrici u l-minuri sabiex jikkonfermaw jekk kienux qed jaccettaw il-pretensjonijiet li huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri. Il-Qorti tirriferi ghall-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li huwa l-Artikolu applikabbli ghall-kaz odjern, stante li l-minuri hija mnissla jew imwielda barra miz-zwieg. L-istess artikolu jipprefiggi l-mekkanizmu adoperabbli meta missier ikun jixtieq jirrikonoxxi wild imwieled lilu barra miz-zwieg. Dan l-artikolu jistipula s-segwenti:-

***"It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm……***
***Izda ukoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta', ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm iddikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skond il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:***

***Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-***

***Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."***

Fil-kaz odjern, kienet l-attrici u cioe' l-omm tat-tarbija li fethet kawza sabiex il-konvenut jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri u sabiex isiru t-tibdiliet fic-certifikat tat-twelid. L-artikolu 86 ma jsemmi xejn li omm it-tarbija ghandha tipprezenta ittra ufficjali, anzi l-istess artikolu jirrikjedi li l-istess omm tirrispondi ghall-istess ittra ufficjali. Ghalhekk dina l-eccezzjoni kemm tal-konvenut, kif ukoll tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ma tistax treggi.

Ciononstante, il-Qorti dejjem irriteniet illi l-aqwa prova f'kawzi bhal dawn huma t-testijiet genetici, debitament mahlufa. Dr. Marisa Cassar effettivament ikkonfermat li l-minuri hija bint il-konvenut. It-test xjentifiku hekk ikkonfermat bil-gurament, jelimina kull dubbju dwar paternita' tal-minuri. Ghaldaqstant, il-provi migjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri Mackenzie Abela. Ghalhekk, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tilqa' t-talbiet attrici.

Rat ukoll illi permezz ta' nota konguntiva, il-partijiet qablu illi l-minuri ghandha ggib il-kunjom "DB."

Rat illi d-dettalji tal-attur, ai fini tar-registrazzjoni tieghu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv 6203/201 huma s-segwenti:-

1) Isem u kunjom - CD.
2) Karta ta' identita'- 72079 M.
3) L-eta' tal-attur meta twieldet il-minuri – 28 sena
4) Post tat-twelid tar-rikorrent – Pieta'

5) Il-post tar-residenza tal-attur meta twieldet il-minuri -263, Triq il-Vitorja, Qormi.
6) Isem u kunjom missier l-attur – FD.
7) Jekk il-missier pattern kienx haj jew mejjet meta twieled il-minuri – Mejjet.

L-ispejjez bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**